MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 403/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Simon Azzopardi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 277985(M.

Akkuzat talli:
1. Nhar is-27 ta’ April, 2013 ghall-habta tas-6:00 ta’ filghaxija, gewwa l-Istadium Nazzjonali tal-Futbol li jinsab sitwat gewwa Ta’ Qali limiti ta’ Hat Attard, waqt li kienet ghaddejja l-partita Birkirkara u Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq il-gisem ta’ Clive Pace,

liema hsara gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn, u dan skont ma ccertifikat Dr. Annalise Buttigieg MD (Reg. No. 5330) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod li setghet tinkiser il-bond ordni u dan bi ksur tar-Regolament 6 tal-Ligi Sussidjarja 10.33;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abbuziv u dan bi ksur tar-Regolament 7 tal-Ligi Sussudjarja 10.33.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skont il-ligi, tordna illi l-imsemmi imputat ma jattendix fi grounds ta' sports ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi u rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Reg. 6 u 7 tal-L.S. 10.33.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Simon Azzopardi hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante illi huwa skuza ruhu pubblikament ezatt wara reat u stante li huwa kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni qed timponi probation order ghal zmien tlett (3) snin taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta

filwaqt li tikkundannah multa ta' mitejn Ewro (€200) flimkien ma' sospensjoni li l-imputat jersaqx lejn kull grownd tal-futboll f'Malta ghal zmien tmien (8) xhur mil-lum u dan taht ir-Reg 6-9 tal-LS10.33.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------